MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 1182/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**Stephanie Micallef ta' 27 sena, bint Julian u Maria nee` Vella, mwielda fis-26 ta' Novembru, 1986, gewwa l-Pieta, u toqghod gewwa No. 46, Alicia, Ft 2, Triq Henry F. Bouverie, Gzira u detentur tal-karta tal-identita` Nru 537286M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fis-17 ta' Lulju, 2013, ghal habta ta' bejn il-05.00pm u s-05.45pm gewwa Beach Emporium, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha:

1. Ikkommettiet serq ta' flus kontanti li jammonta bejn 700 Ewro u 1000 Ewro, liema serq hu aggravat bil-valur.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fatt illi l-imputata ikkoperat mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u lesta li tirrifondi l-flus mehuda minnha indebitament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------